



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.6.2016
COM(2016) 359 final

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-
KUNSILL EWROPEW, IL-KUNSILL, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI
EWROPEW U L-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**L-Ewropa tinvesti mill-ġdid
Rendikont tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa u l-passi li jmiss**

1. Introduzzjoni

L-impjegji, it-tkabbir u l-investment huma waħda mill-10 prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni ta' Juncker. Il-Pjan ta' Investment għall-Ewropa ġie ppreżentat fis-26 ta' Novembru 2014¹ u beda azzjoni kkonċertata u mmirata biex jiġi stimulat il-finanzjament, bl-appoġġ tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u tal-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) (flimkien, il-Grupp BEI), bħala parti min trijangolu virtwuż ta' riformi strutturali, politiki fiskali responsabbli u investment. L-għanijiet huma tlieta: li jiġi żgurat li jintużaw riżorsi pubbliċi skarsi sabiex jiġi mobilizzat l-investment privat biex dan jimmira, b'mod effiċjenti, lejn nuqqasijiet tas-suq permezz ta' effett kumulattiv ta' kapital privat, li jiġi żgurat li l-investimenti jilhqqu l-ekonomija reali, u li jitjeb l-ambjent tal-investment fil-livell Ewropew, kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri individwali. Il-Kunsill Ewropew appoġġa l-Pjan ta' Investment bil-komponenti kollha tiegħu f'Diċembru 2014, filwaqt li talab li dan jiġi implimentat malajr². Il-Grupp tal-BEI sema' t-talba tal-Kunsill Ewropew u minn Jannar beda attivitajiet ta' investment skont il-pjan. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill sussegwentement adottaw il-proposta leġislattiva meħtieġa b'veloċità eċċezzjonali f'Lulju 2015³. Issa wasal il-ħin li jittieħed rendikont tal-progress li sar u nħarsu 'l quddiem.

Fit-18-il xahar minn meta ġie ppreżentat il-Pjan ta' Investment, il-kundizzjonijiet għall-użu tal-investment tjiebu u qed tiritorna l-fiduċja fl-ekonomija u t-tkabbir fl-Ewropa. L-Unjoni Ewropea (UE) issa tinsab fir-raba' sena ta' rkupru moderat, bil-PDG jikber bi 2 % fl-2015⁴. Filwaqt li l-livell ta' investment fl-UE naqas b'mod sinifikanti minħabba l-kriżi finanzjarja, hemm sinjali bikrin ta' rkupru minkejja riskji globali u domestiċi għat-tkabbir. L-isforzi komprensivi li ġew mibdija bil-Pjan ta' Investment diġà qed jagħtu riżultati konkreti, minkejja li l-effetti makroekonomiċi ta' proġetti ta' investment akbar ma jistgħux ikunu immedjati. L-investment huwa mistenni jkompli jżjed gradwalment matul l-2016 u l-2017, għalkemm huwa għadu taħt livelli sostenibbli storiċi (ara l-Grafika 1).


1 COM(2014) 903 finali

2 EUCO 237/14, disponibbli fis-sit
http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/ec/146411.pdf

3 Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2016 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 – il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

4 Il-previżjoni ekonomika tar-Rebbiegħa 2016 ġiet ippubblikata fit-3 ta' Mejju 2016 u tinsab fis-sit
http://ec.europa.eu/economy_finance/eu/forecasts/2016_spring_forecast_en.htm

Grafika 1. Xejriet ta' investiment fl-UE



Dan il-momentum pożittiv għandu jinżamm u jeħtieġ li jitkomplew l-isforzi sabiex l-investiment jitreggħa' lura għax-xejra sostenibbli fit-tul tiegħu ta' żmien. Il-mekkaniżmi tal-Pjan ta' Investiment jaħdmu u għandhom jiġu rinforzati biex ikomplu jiġu mobilizzati l-investimenti privati f'setturi li huma kritiċi għall-futur tal-Ewropa u fejn għad hemm fallimenti tas-suq. Dan jinkludi l-investimenti fl-oqsma tal-enerġija, l-ambjent u l-azzjoni klimatika⁵, il-kapital soċjali u uman⁶ u l-infrastruttura relatata, il-kura tas-saħħa, ir-riċerka u l-innovazzjoni, it-trasport transfruntier u sostenibbli, kif ukoll it-trasformazzjoni diġitali. L-UE għandha assi ċari u uniċi li huma kruċjali għall-investiment: is-Suq Uniku, l-aktar popolazzjoni b'ħiliet fid-dinja, livell għoli ta' protezzjoni soċjali u ambjentali, kif ukoll sistemi ġuridiċi stabbli, prevedibbli, effiċjenti u trasparenti. Filwaqt li ma hemm ebda garanzija li tista' tiżgura li l-

5 Dan huwa konformi mal-impenji b'saħħithom tal-UE li reġgħu ntqalu fil-konferenza klimatika ta' Pariġi f'Diċembru 2015.

6 L-"Aġenda għall-Ħiliet Ġodda għall-Ewropa" tindirizza l-kwistjoni speċifika tal-investiment u t-titjib fil-ħiliet u l-kapital uman f'kontest aktar wiesa': filwaqt li hemm ftehim wiesa' li l-ħiliet iżidu r-RuĴ, l-innovazzjoni, l-impjegabbiltà u l-kompetittività, l-evidenza turi li parti sinifikanti mill-forza tax-xogħol Ewropea (c.20 %) għandha biss livell baxx ta' ħiliet bażiċi. Dan jagħmilha diffiċli li jiġu impjegati dawn il-ħaddiem bi ftit kwalifiki u jikkontribwixxi għal qgħad strutturali. Fl-istess ħin, diversi postijiet vakanti għadhom ma ntlewx minħabba nuqqas ta' xogħol li jinvolvi ħiliet speċjalizzati. Dan jindika lakuna fl-investiment strutturali fil-kapital uman. Li persuni jiġu mgħammra b'ħiliet aħjar u aktar rilevanti jirrikjedi finanzjament adegwat, flimkien ma' riformi strutturali biex itejbu l-effiċjenza ta' sistemi edukattivi u ta' taħriġ.

potenzjal sħiħ tal-investimenti tal-UE jiġu sfruttati fi ftit xhur biss, ir-riżultati inkoraġġanti f'perjodu qasir ta' żmien jipprovdu bażi sana għal inizjattivi ta' politika futuri kemm dwar l-użu tal-baġit tal-UE, kif ukoll dwar l-ambjent regolatorju.

2. Mudell għall-futur

a. Qafas rapidu u komprensiv

Il-Pjan ta' Investiment diġà beda jagħti riżultati tanġibbli bis-saħħa tal qafas rapidu tal-komponenti kollha tiegħu:

- **Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)**, implimentat u kosponsorjat mill-Grupp tal-BEI, huwa fit-triq it-tajba biex jissodisfa l-oġġettiv li jiġu mobilizzati tal-anqas EUR 315-il biljun f'investimenti addizzjonali fl-ekonomija reali sa nofs l-2018⁷. L-assorbiment tas-suq kien partikolarment rapidu fit-tieqa tal-Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju (SME) fejn l-FEIS qed jipprovdi jagħti riżultati aktar milli mistenni.
- Il-Kummissjoni haġġet gwida dwar kif **Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej** (il-Fondi SIE) jistgħu jiġu kkombinati mal-FEIS biex jiġu appoġġati l-investimenti addizzjonali. Qed jiġi żviluppat l-ewwel sett ta' proġetti li juri kif din il-kombinazzjoni taħdem fil-prattika. Dan se jappoġġa wkoll l-oġġettiv imsemmi fil-Pjan ta' Investiment biex jiżdied l-użu ta' strumenti finanzjarji bil-Fondi SIE.
- Iċ- **Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (EIAH)**⁸, inizjattiva konġunta tal-Kummissjoni u l-BEI, jipprovdi assistenza teknika kompluta u servizz konsultattiv u diġà ttratta aktar minn 160 talba. Filwaqt li dan huwa bidu promettenti, qed jiġu meħuda passi biex is-servizzi konsultattivi jitqarrbu lejn il-benefiċjarji finali u biex jiżdiedu s-servizzi tal-EIAH f'oqsma speċifiċi bi bżonnijiet mhux issodisfati (inklużi proġetti transfruntieri).
- Ġie mniedi l-**Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment (PEPI)**⁹, pjattaforma online li tiġbor flimkien il-promoturi ta' proġetti Ewropej u l-investituri mill-UE u barra minnha, u dan qed iżid il-viżibilità u l-opportunitajiet ta' finanzjament għall-proġetti ta' investiment fl-Ewropa kollha.
- Finalment, **il-Kummissjoni diġà skodat numru ta' inizjattivi biex tgħin li jkun appoġġat l-investiment u jiġi ffaċilitat l-finanzjament tal-ekonomija**, bħat-tnaqqis tal-allokazzjonijiet ta' kapital għal kumpaniji ta' assigurazzjoni u ta' riassigurazzjoni fir-rigward tal-investimenti fl-infrastruttura, u l-adozzjoni ta' gwida Prattika dwar l-

7 Ir-riżultati tal-FEIS ġew aċċellerati skont id-dispożizzjoni tranżizzjonali tar-Regolament (UE) 2015/1017.

8 <http://www.eib.org/eiah/>

9 https://ec.europa.eu/priorities/european-investment-project-portal-eipp_en

applikazzjoni ta' regoli għall-għajnuna mill-Istat fil-kuntest ta' finanzjament pubbliku u ta' sħubiji pubbliċi-privati (public-private partnerships, PPPs). Barra minn hekk, **l-Unjoni tal-Enerġija, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, is-Suq Uniku u l-Istrateġiji tas-Suq Uniku Diġitali¹⁰, u l-pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari** kollha jinkludu miżuri speċifiċi li jneħħu ostakli konkreti u jkomplu jtejbju l-ambjent għall-investment, jekk jiġu implimentati bis-sħiħ. Il-Kummissjoni impenjat ruħha wkoll fi djalogo strutturat ma' Stati Membri biex tgħin jitneħħew l-ostakli nazzjonali għall-investment fil-kuntest tas-**Semestru Ewropew¹¹** f'oqsma bħall-insolvenza, l-akkwist pubbliku, is-sistemi ġudizzjarji u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika jew ta' regolamenti speċifiċi għas-settur.

b. Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi: l-użu aktar effiċjenti ta' riżorsi skarsi

Riżultati konkreti u tanġibbli

L-FEIS¹² diġà qed jappoġġa l-investimenti addizzjonali tal-Grupp tal-BEI fl-oqsma prinċipali għat-tkabbir sostenibbli tal-UE. Ġew approvati madwar 250 tranżazzjoni taħt l-FEIS f'26 Stat Membru tal-UE¹³, li huma mistennija jimmobilizzaw EUR 100 biljun f'investment ġdid, li jirrappreżenta madwar 32 % tal-oġġettiv ġenerali ta' EUR 315-il biljun f'investimenti ġodda fuq perjodu ta' tliet snin. Kien għamel suċċess billi għabar flimkien finanzi addizzjonali sinifikanti (85 % tat-total tal-investment mobilizzat) minn investituri privati u pubbliċi. Il-listi ta' proġetti fiż-żewġ twieqi tal-FEIS huma kollha aċċessibbli għall-pubbliku¹⁴.

-
- 10 Ara l-Komunikazzjoni "L-implimentazzjoni tas-Suq Uniku għall-Impjiegi, it-Tkabbir u l-Investimenti", adottata wkoll illum.
 - 11 Is-sett ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għall-Istati Membri adottati mill-Kummissjoni f'Mejju jiffokaw partikolarment fuq l-investment, filwaqt li meta jkun rilevanti jitolbu li jiġu ttrattati n-nuqqasijiet fl-investment, speċjalment fl-infrastruttura u f'assi intanġibbli, kif ukoll biex jiġu adottati u implimentati r-riformi strutturali meħtieġa biex jitjeb l-ambjent tal-investment, li huma kumplimentarji mal-azzjoni fil-livell tal-UE. Ara COM(2016) 321 finali.
 - 12 Peress li huwa inerenti fil-mudell kummerċjali tal-BEI li jiġu mmobilizzati sorsi privati għal proġetti ta' finanzjament sabiex jiġi massimizzat l-użu ta' riżorsi pubbliċi skarsi, il-garanzija baġitarja ta' EUR 16-il biljun disponibbli u l-kontribuzzjoni ta' EUR 5 biljun mill-BEI huma l-bażi għall-attirar ta' kapital privat sinifikanti.
 - 13 Il-ħarsa qasira hija disponibbli fis-sit <http://www.eib.org/efsi/index.htm>. Dawn il-proġetti ġew approvati mill-Grupp tal-BEI u vvetjtati mill-Kumitat tal-Investment tal-FEIS (jew il-Kummissjoni qabel it-twaqqif tal-Kumitat għall-Investment). Xi wħud minn dawn il-proġetti għadhom ma ġewx iffirmati. Iċ-ċifri finali, għalhekk, jistgħu jvarjaw.
 - 14 F'każ tat-Tieqa ta' Infrastruttura u Innovazzjoni, il-lista ta' proġetti approvati tinsab fis-sit <http://www.eib.org/efsi/efsi-projects/index.htm>. Fil-każ tat-tieqa għall-SMEs, il-lista ta' ftehimiet iffirmati ma' intermedjarji tinsab fis-sit http://www.eif.org/what_we_do/efsi/index.htm. Wieħed jista' jsib aktar informazzjoni għal kull settur u Stat Membru onlajn, fis-sit http://ec.europa.eu/priorities/jobs-growth-and-investment/investment-plan_en

L-FEIS jappoġġa proġetti li jikkontribwixxu biex jindirizzaw nuqqasijiet tas-suq eżistenti u sitwazzjonijiet ta' investment suboptimali, kif ukoll diversi sfidi soċjetali li huma l-aktar urġenti għalina.

L-addizzjonalità hija karatteristika fundamentali tal-garanzija tal-FEIS li jeħtieġ li tissaħħaħ fl-għażla tal-proġetti Il-proġetti tal-BEI li jirċievu appoġġ baġitarju permezz tal-FEIS għandhom ikunu "addizzjonali" fis-sens li huma jindikaw nuqqas tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investment suboptimali u għalhekk, peress li ma kellhomx l-appoġġ tal-FEIS, ma kienux ġew iffinanzjati bħala prinċipju fl-istess perjodu mill-BEI jew bl-istess mod¹⁵. Għal dan il-għan, jintuża numru ta' indikaturi u prinċipji gwida mill-BEI u mill-Kumitat tal-Investment¹⁶ meta jiġu vvalutati l-kriterji ta' eliġibbiltà. Il-livell ta' riskju huwa element essenzjali dwar kif tiġi vvalutata l-addizzjonalità tal-proġetti appoġġati mill-garanzija tal-FEIS. L-operazzjonijiet kollha approvati mill-BEI sa issa għandhom ir-riskju li jikkorrispondu mal-hekk magħrufa attivitajiet speċjali tal-BEI¹⁷. Riżultat ta' dan, il-BEI setgħet iżżid il-volum tal-portafoll tagħha ta' attivitajiet b'riskju oġġla / speċjali minn madwar EUR 4 biljun għal aktar minn EUR 20 biljun fis-sena sa issa. Il-Grupp tal-BEI qiegħed jiżviluppa wkoll prodotti ġodda li jiffokaw fuq mezz ta' kollaborazzjoni ġodda mal-Banek Promozzjonali Nazzjonali, Pjattaformi ta' Investment u ma' tipi ġodda ta' benefiċjarji sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' finanzjament f'varjetà ta' setturi.

Il-kopertura ġeografika u settorjali trid tittiejeb Filwaqt li l-FEIS ma jaħdimx bil-kwoti, il-kopertura settorjali u ġeografika attwali (ara l-Grafika 2) għandha tkompli tiġi żviluppata hekk kif l-implimentazzjoni tal-FEIS timxi 'l quddiem. Il-kombinazzjoni tal-FEIS ma' fondi oħra tal-UE, kif ukoll it-twaqqif ta' Pjattaformi tal-Investment għandhom iwasslu għal kopertura ġeografika verament ibbilanċjata. Barra minn hekk, il-EIAH jista' jkun mezz effettiv biex jiġu mobilizzati b'mod progressiv il-kompetenzi rikjesti u jgħin biex jiġu żviluppati proġetti aħjar, b'mod partikolari għal reġjuni jew setturi fejn jista' jkun hemm il-ħtieġa ta' lħiq ("outreach") addizzjonali u kapaċità teknika.

Il-FEIS qed jappoġġa l-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) biex jgħin għadd eċċezzjonali ta' SMEs jaċċessaw il-finanzi. It-tieqa għall-SMEs tal-FEIS kellha bidu partikolarment rapidu, li qabeż l-aspettattivi u kkonferma d-domanda għolja tas-suq. Fi żmien sena, l-FEIS appoġġ tranżazzjonijiet tal-FEI li huma mistennija jimmobilizzaw total ta' valur

15 Ara l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 2015/1017 Aktar prinċipji ta' gwida huma deskritti fit-Tabella ta' Valutazzjoni ta' Indikaturi tal-FEIS: ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/1558 tat-22 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bit-tfassil ta' tabella ta' valutazzjoni ta' indikaturi għall-applikazzjoni tal-garanzija tal-UE (ĠU L 244 19.9.2015, p.20).


16 Il-Kumitat tal-Investment tal-FEIS huwa l-Kumitat magħmul minn tmien esperti indipendenti responsabbli mill-approvazzjoni tal-użu tal-garanzija tal-UE taħt l-FEIS. Is-CVs tal-membri tiegħu huma disponibbli fis-sit <http://www.eib.org/efsi/governance/efsi-investment-committee/index.htm>

17 Attivitajiet speċjali huma attivitajiet li għalihom il-klassifikar intern tal-BEI huwa aktar baxx mill-grad ta' investment, jiġifieri attivitajiet aktar riskjużi minn operazzjonijiet normali tal-BEI.


ta' investiment ta' EUR 49 biljun, li huwa diġà akbar minn 65 % tal-mira ta' EUR 75 biljun li għandha tintlaħaq matul tliet snin¹⁸. Illum, aktar minn 140 000 SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja f'26 Stat Membru huma mistennija jibbenefikaw mill-FEIS.

Grafika 2. Ċifri ewlenin tal-FEIS fi tmiem Mejju 2016

Il-kopertura settorjali tal-FEIS (% tal-finanzjament tal-Grupp tal-BEI permezz tal-FEIS)



Kopertura ġeografika tal-FEIS



18 Bis-saħħa tal-konċentrazzjoni ta' fondi FEIS fil-fażi tal-bidu għal skemi ta' garanzija Orizzont 2020 InnoVin u COSME indirizzati lejn l-SMEs, u l-infurzar tal-mandat tar-riżorsi kapitali ta' riskju tal-BEI.

Il-potenzjal tal-FEIS għandu jkollu rwol aktar b'saħħtu sabiex jiġu sfruttati ħtiġijiet finanzjarji sostenibbli L-Ewropa tirrikjedi investimenti fit-tul u sostenibbli ġodda u sinifikanti biex iżżid il-produttività u ddu lejn ekonomija b'livell ta' karbonju baxx u effiċjenti fir-rizorsi¹⁹. Dan jinkludi wkoll appoġġ lis-suq ta' bonds ħodor /sostenibbli, li l-BEI huwa l-akbar emittent ta' bonds fih. Il-FEIS, anki f'kombinazzjoni ma' fondi oħra tal-UE, u fil-kuntest tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, jipprovdi *impetus* ġdid għal din il-bidla billi jżid in-numru u l-volum ta' proġetti sostenibbli li għandhom jiġu ffinanzjati skont il-miri ambizzjużi tal-ftehim ta' Pariġi dwar il-klimaa²⁰. L-assistenza teknika jista' jkollha rwol importanti f'dawn u f'setturi oħra bħall-infrastruttura diġitali.

Filwaqt li jkomplu jibnu fuq is-suċċess tat-tieqa għall-SMEs, l-istrumenti finanzjarji ġodda qed jiġu żviluppati biex jappoġġaw spettru aktar wiesa' ta' SMEs innovattivi u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, inkluż prodott ta' ekwità, li se jtejjeb l-aċċess għal finanzjament b'ekwità għal SMEs innovattivi u li qed jikbru b'rata mgħaġġla, u għal kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni qed taħdem ukoll mal-FEI bil-għan li jiġi stabbilit Fond ta' Fondi Pan-Ewropew ta' kapital ta' riskju ("venture capital") li jikkomplimenta l-azzjonijiet eżistenti tal-FEI billi jikkombina l-finanzi pubbliċi b'volumi akbar ta' kapital privat, biex jingħataw skala addizzjonali u stimulu għall-appoġġ tal-intrapriżi l-ġodda l-aktar promettenti. Dan il-Fond ta' Fondi se jopera f'termini kummerċjali u għandu l-għan li jgħin biex jingħelbu l-frammentazzjoni u l-iskala limitata li fil-preżent jostakolaw l-iżvilupp ta' klassi ta' assi tal-kapital ta' riskju tal-UE. F'konformità mal-aġenda soċjali u tal-ħiliet tal-UE, strumenti ġodda oħrajn se jiġu mmirati lejn l-appoġġ ta' intrapriżi soċjali u mikrofinanzjament. Barra minn hekk, il-prodotti se jiġu żviluppati biex jappoġġaw tranżizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jimmobilizzaw finanzjament addizzjonali għall-SMEs, u biex jtejjeb l-aċċess għal finanzjament minn SMEs innovattivi u minn kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja żgħar permezz ta' garanziji għal self mhux kollateralizzat.

L-użu tal-mudell tal-FEIS biex jimmobilizza l-investimenti f'pajjiżi terzi fil-fażi tal-iżvilupp għandu jiġi investigat Ir-Regolament (UE) 2015/1017 jillimita l-ambitu tal-investimenti tal-FEIS lil Stati Membri tal-UE u investimenti transfruntieri ma' pajjiżi ġirien. Skema distintiva iżda simili, madankollu, tista' tkun utli wkoll għall-programmi ta' kooperazzjoni esterna tal-UE. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-possibilitajiet biex jintuża mudell tat-tip FEIS għal investimenti f'pajjiżi terzi, jiġifieri skema li tippermetti istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali biex jiġu indirizzati ostakli speċifiċi tal-investment u b'dan il-mod jiġu attirati atturi privati. Jista' jippermetti wkoll lill-IFIs differenti jespandu operazzjonijiet f'ambjenti ta' investment li joffru sfida, bħal pajjiżi fraġli u dawk wara konflitt, kif ukoll

19 Dan jinkludi inċentivi li jappoġġaw l-integrazzjoni tal-esternalitajiet ambjentali fil-proċessi ta' deċizzjoni tas-suq finanzjarju.

20 Strumenti pilota ġodda bħall-Finanzi Privati għal Effiċjenza Enerġetika (Private Finance for Energy Efficiency, PF4EE) u l-Faċilità ta' Finanzjament ta' Kapital Naturali (Natural Capital Financing Facility, NCCF) jistgħu juru t-triq.

proġetti relatati mal-migrazzjoni. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-funzjonament u l-komplementarjetà ma' programmi ta' investiment eżistenti fil-livell tal-UE (bħal faċilità ta' investiment mmaniġġata mill-BEI għal pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, faċilitajiet ta' investiment immaniġġati mill-Kummissjoni Ewropea u l-programm ta' self / garanzija tal-BEI).

c. L-iżgurar tal-komplementarjetà fil-livelli kollha biex jiġu żblokkati l-investimenti addizzjonali

Komplementarjetà

Il-komplementarjetà bejn l-FEIS u fondi oħra tal-UE hija parti ewlenija tal-impenn ġenerali tal-Kummissjoni biex jiġi żgurat użu aħjar tal-fondi tal-UE fl-oqsma politiċi kollha²¹. Il-kombinazzjoni tal-appoġġ tal-FEIS u ta' sorsi oħra ta' finanzjament tal-UE tista' tkopri tipi differenti ta' riskju ta' ċertu proġett, u b'hekk tattira aktar investituri. Il-koinvestment fi proġetti tal-FEIS jista' jsir fil-livell tal-proġett jew fil-livell tal-Pjattaforma ta' Investiment. Dawn il-Pjattaformi jistgħu jgħinu biex jiġu ffinanzjati proġetti iżgħar u jiġbru flimkien fondi minn sorsi differenti biex jippermettu investimenti diversifikati b'fowkus ġeografiku jew tematiku. Huma jistgħu jagħmlu opportunitajiet ta' investiment iżgħar jew lokali finanzjarjament attraenti għal gruppi ta' investituri ġodda, pereżempju fondi tal-pensjoni jew investituri istituzzjonali barra mill-pajjiż²². L-ewwel eżempji ta' Pjattaformi jinkludu Fond imwaqqaf fi Frar 2015 biex jisaħħaħ l-investment produttiv fi Franza. Dan il-Fond jimmira li jappoġġa, flimkien mas-sħab privati u l-fondi mill-Istat Franċiż, kumpaniji maħluqa ġodda sabiex jiffinanzja t-tranżizzjoni tagħhom lejn il-faċi ta' industrijalizzazzjoni ta' teknoloġiji u setturi ġodda. L-oġġettiv huwa li jiġu promossi u żviluppati opportunitajiet industrijali ġodda, titjeb il-kompetittività u jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' clusters industrijali b'mod partikolari fir-rigward tat-tranżazzjonijiet ekoloġiċi u tal-enerġija. Pjattaformi ta' Investiment tal-FEIS oħrajn qed jiġu mħejjija.

Il-kombinazzjoni ta' Fondi tal-UE ma' appoġġ tal-FEIS

Il-Kummissjoni se tkompli tiegħu azzjoni biex tiżgura li l-fondi tal-UE u l-appoġġ tal-FEIS jiġu kkombinati faċilment. Tali kombinazzjonijiet, b'mod partikolari fil-każ ta' Fondi SIE, jistgħu jkunu partikolarment utli biex tiġi żgurata kopertura ġeografika tal-FEIS. Il-

21 Il-Komunikazzjoni tal-2014 tal-"Pjan ta' Investiment għall-Ewropa" rakkomandat lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jżidu b'mod sinifikanti l-użu tagħhom ta' strumenti finanzjarji innovattivi f'oqsma ta' investiment prinċipali bħall-appoġġ għall-SMEs, l-effiċjenza tal-enerġija, it-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u l-Komunikazzjoni, it-trasport u l-appoġġ għar-RuĖ. Dan jista' jakkwista rdoppjar ġenerali fl-użu tal-istrumenti finanzjarji taħt il-Fondi SIE għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

22 Il-Bord ta' Tmexxija tal-FEIS adotta sett ta' regoli applikabbli għall-operazzjonijiet tal-FEIS bi Pjattaformi ta' Investiment u Banek Promozzjonali Nazzjonali, jinsab fis-sit http://www.eib.org/attachments/strategies/efsi_steering_board_rules_applicable_to_operations_with_investment_platforms_and_npbs_or_institutions_en.pdf

Kummissjoni diġà ppubblikat gwida konkreta dwar din il-kwistjoni²³ u se tkompli tissimplifika l-qafas ġenerali biex jiġu żviluppati tali kombinazzjonijiet. Il-Kummissjoni, pereżempju, qed tħejji proposti biex tibdel ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni li jirregola l-kombinazzjoni ta' Fondi SIE mal-FEIS biex jiġi ffaċilitat l-użu tal-Pjattaformi ta' Investiment tal-FEIS, il-kombinazzjoni ta' Fondi SIE u FEIS fi strumenti mħallta, u l-użu ġenerali ta' strumenti finanzjarji. It-twaqqif ta' pjattaformi ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti (pereż. għal modernizzar industrijali) se jkompli jiffaċilita dan.

Lil hinn mill-Fondi SIE, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Grupp tal-BEI u l-EIAH, qed tesplora wkoll mezzi biex ikompli jiġi ffaċilitat it-taħlit u l-kombinazzjoni ta' fondi disponibbli skont programmi oħra tal-UE (bħal pereżempju l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (Connecting Europe Facility - CEF)²⁴ jew Orizzont 2020²⁵) ma' opportunitajiet tal-FEIS sabiex jiġu żblokkati investimenti addizzjonali. Din il-kombinazzjoni u t-taħlit jistgħu iwasslu b'mod partikolari għal investimenti addizzjonali permezz ta' Pjattaformi ta' Investiment²⁶, strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju tal-SMEs, u għal proġetti b'valur miżjud tal-UE għoli²⁷.

Il-mobilizzazzjoni tal-kofinanzjament minn Stati Membri

Bi sħubija mal-Grupp tal-BEI, il-Banek Promozzjonali Nazzjonali (National Promotional Banks - NPBs) għandhom rwol importanti fl-implimentazzjoni tal-Pjan minħabba l-firxiet ta' prodotti komplimentari, l-għarfien lokali u l-ilħiq ġeografiku tagħhom²⁸. Disa' Stati Membri²⁹ impenjaw ruħhom sa issa fi proġetti ta' kofinanzjament fil-kuntest tal-

23 http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/thefunds/fin_inst/pdf/efsi_esif_compl_en.pdf

24 Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010. Mill-bidu tal-2015, ġew approvati erba' (4) proġetti bl-użu tal-Istrument tad-Dejn tas-CEF (jew l-istrument finanzjarju legat Project Bond Initiative-PBI). Dawn il-proġetti jixprunaw it-total tal-investimenti għal EUR 1,8 biljun addizzjonali mal-investiment immobilizzat mill-FEIS.

25 Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE.

26 Pereżempju, fl-oqsma tal-effiċjenza enerġetika, il-mobilità urbana intelligente, teknoloġiji innovattivi bħal fir-rigward ta' fjuwils alternattivi u vetturi elettriċi, broadband, kif ukoll il-mard infettiv.

27 Pereżempju, proġetti transfruntieri tan-Netwerk Trans-Ewropew.

28 COM(2015) 361 finali

29 Fi Frar 2015, il-Ġermanja ħabbret li se tikkontribwixxi EUR 8 biljun għall-Pjan ta' Investiment permezz tal-KfW. Fi Frar ukoll, Spanja ħabbret kontribuzzjoni ta' EUR 1,5 biljun permezz tal-Instituto de Crédito Oficial. F'Marzu 2015, Franza ħabbret għotja ta' EUR 8 biljun f'wegħdiet permezz ta' Caisse des Dépôts (CDC) u Bpifrance (BPI) u l-Italja ħabbret li se tikkontribwixxi EUR 8 biljun permezz tal-Cassa Depositi e Prestiti (CDP). F'April 2015 il-Lussemburgu ħabbar li se jikkontribwixxi EUR 80 miljun permezz tas-Société Nationale de Crédit et d'Investissement, u l-Polonja ħabbret li se tikkontribwixxi EUR 8 biljun permezz tal-Bank Gospodarstwa Krajowego. F'Ġunju 2015, is-Slovakkja ħabbret kontribuzzjoni ta' EUR 400 miljun permezz tal-Banek Promozzjonali Nazzjonali tagħha Slovenský Investičný Holding u Slovenská Zaručná a Rozvojová Banka, u l-Bulgarija ħabbret kontribuzzjoni ta' EUR 100 miljun permezz

FEIS permezz tal-banek promozzjonali nazzjonali tagħhom għal total ta' EUR 42,5 biljun.

Fit-tieqa għall-SMEs, il-FEI fil-preżent qiegħed jiżviluppa mudelli ta' kooperazzjoni addizzjonali ma' banek promozzjonali nazzjonali fl-oqsma tal-investimenti ta' ekwità u tat-titolizzazzjoni tal-SMEs, bil-għan li jkompli jizjed l-involvement tal-banek promozzjonali nazzjonali biex jinkisbu l-oġettivi tal-FEIS.

L-akkomodazzjoni ta' dħul ta' kapital fl-Ewropa

L-FEIS hija parti mill-ekonomija miftuħa tal-UE u hija miftuħa għal koinvestimenti minn pajjiżi terzi (kemm fil-livell ta' proġetti jew ta' Pjattaformi ta' Investment) f'termini mhux esklussivi, sakemm il-prinċipji gwida tal-UE u l-qafas leġislativ jiġu rispettati bis-sħiħ. Il-Kummissjoni u l-BEI żviluppaw opzjonijiet tekniċi biex jakkomodaw koinvestimenti minn fondi ta' investimenti sovrani. Ir-Repubblika tal-Poplu ta' Ċina kienet l-ewwel pajjiż mhux tal-UE li ħabbar ir-rieda tiegħu li jikkontribwixxi għall-Pjan ta' Investment³⁰ u tikkunsidra li jagħmel dan permezz ta' struttura ta' koinvestment. Il-Kummissjoni hija lesta li tikkunsidra għażliet simili għal investituri sovrani oħrajn.

3. L-inkoraġġiment tal-investimenti fl-ekonomija reali grazzi għal riżerva stabbli ta' proġetti aktar b'saħħithom

a. Assistenza teknika msaħħa u mmirata biex jinkisbu l-investimenti

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (**European Investment Advisory Hub, EIAH / iċ-Ċentru ta' Konsulenza**) huwa inizzjattiva konġunta tal-Kummissjoni u tal-BEI, li jipprovdi punt ta' dħul uniku għal appoġġ ta' konsulenza - ħieles minn ħlas għall-awtoritajiet pubbliċi – għall-identifikazzjoni, it-tnejn u l-iżvilupp ta' proġetti ta' investimenti fis-setturi u r-reġjuni kollha fl-Ewropa.

L-għadd ta' talbiet liċ-Ċentru ta' Konsulenza qed jizjed: minn tmiem Mejju 2016, ġew irċevuti aktar minn 160 talba minn 26 Stat Membru; madwar żewġ terzi huma ġejjin mis-settur privat. Iċ-Ċentru ta' Konsulenza huwa faċilment aċċessibbli online³¹ u qiegħed jimpenja ruħu b'mod proattiv f'oqsma prijoritarji bħall-effiċjenza enerġetika, l-SMEs, kif ukoll oqsma emerġenti bħal smart cities jew il-mobilità elettrika u l-broadband. Iċ-Ċentru ta' Konsulenza jagħti attenzjoni partikolari lis-sħubiji pubbliċi-privati u proġetti transfruntieri.


tal-Bank Bulgaru għall-Iżvilupp. Fis-16 ta' Lulju 2015, ir-Renju Unit ħabbar li se jikkontribwixxi GBP 6 biljun (madwar EUR 8,5 biljun) għal proġetti li jibbenefikaw minn appoġġ tal-FEIS.

30 http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-5723_en.htm


31 <http://www.eib.org/eiah/>

Grafika 3. Talbiet lill-EIAH minn tmiem Mejju

Għadd ta' talbiet skont il-pajjiż



Talbiet speċifiċi għall-proġett skont is-settur



Sabiex is-servizzi ta' Konsulenza jintużaw fil-livell nazzjonali, il-BEI u l-Kummissjoni kienu qed jaħdmu mill-qrib mal-Bank Promozzjonali Nazzjonali, kif ukoll ma' sħab internazzjonali bħall-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u l-Bank Dinji, kemm biex iżidu l-preżenza fuq l-art, kif ukoll biex jipprovdu appoġġ ta' konsulenza komplimentari ma' dawk l-oqsma li fil-preżent mhux jintlaħqu mill-BEI. Il-BEI qed jiżviluppa wkoll in-netwerk tiegħu ta' uffiċċji esterni lokali li se jiffaċilita t-tixrid ta' informazzjoni u assistenza teknika mfassla apposta fil-livell lokali u l-implimentazzjoni ta' prodotti FEIS.

Il-BEI u l-Kummissjoni se jesploraw ukoll il-possibiltà għall-EIAH biex javża lill-Istati Membri dwar l-iżvilupp ta' skemi ta' assistenza teknika għal proġetti iżgħar, li jistgħu possibilmment jiġu appoġġati minn Fondi SIE. Il-Kummissjoni se tinvestiga, flimkien ma' Stati Membri, l-possibiltà li jissaħħaħ in-netwerk tal-EIAH b'kontribuzzjonijiet mill-allokkazzjonijiet tal-Fondi SIE.

Il-Kummissjoni se tikkontribwixxi wkoll biex issaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri biex jitwaqqfu sħubiji pubbliċi privati billi tkompli tiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajbin bejn l-awtoritajiet lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE.

Assistenza teknika msaħħa u mtejbja. Fil-futur, iċ-Ċentru ta' Konsulenza għandu rwol vitali biex jiżgura aċċess aktar faċli għal benefiċjarji billi jissimplifika u jgħaqqad flimkien il-pakketti previsti għall-assistenza teknika u jidderiġihom lejn l-appoġġ l-aktar adegwat għall-ħtiġijiet tagħhom. Sinerġiji mtejbja bejn il-Programmi ta' Assistenza Teknika fil-livell tal-UE (pereżempju CEF, Orizzont 2020, Jaspers, eċċ.) jistgħu jwasslu għal aċċess aħjar għall-benefiċjarji u jistgħu fl-aħħar nett jipprovdu flessibilità finanzjarja akbar, iwasslu għal konsulenza mmirata, filwaqt li jippermettu li l-assistenza titjeb. Barra minn hekk, iċ-Ċentru ta' Konsulenza għandu jkun aktar simplifikat biex tkun żgurata konsulenza aktar speċifika u attivitajiet ta' lħiq, jiżdied l-appoġġ u jinkiseb għadd ikbar ta' promoturi ta' proġetti potenzjali meta l-ħtiġijiet ikunu l-akbar. Hemm ukoll potenzjal sinifikanti li għandu jiġi mobilizzat għal investimenti f'infrastrutturi diġitali, jiġifieri netwerks tal-fibra tal-broadband³² u dimostrarazzjonijiet fuq skala kbira. Jista' jsir aktar biex jiġi ffaċilitat l-investment f'soluzzjonijiet innovattivi u sostenibbli oħrajn li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' bliet intelliġenti, filwaqt li tkun ipprovduta integrazzjoni aħjar ta' infrastruttura tal-ICT b'enerġija, trasport, ilma u skart.

b. Portal ġdid għal viżibbiltà aħjar ta' opportunitajiet ta' investment fl-Ewropa


Il-provvista ta' viżibbiltà akbar tal-opportunitajiet ta' investment fl-Ewropa Sabiex il-likwidità disponibbli fis-swieq finanzjarji u l-proġetti ta' investment fl-ekonomija reali jkunu jaqblu, il-Kummissjoni żviluppat **Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investment (PEPI)**, fejn il-promoturi tal-proġetti tal-UE jingħataw l-opportunità li jsaħħu l-viżibbiltà tal-proġetti tagħhom għal investituri fid-dinja kollha.³³ Din l-inizjattiva twieġeb għal waħda mill-ostakli strutturali, identifikati b'mod ċar, għall-investment fl-Unjoni Ewropea.

32 L-assistenza teknika speċifika għall-broadband għandha tgħin f'dak il-kuntest, kif ukoll il-kombinazzjoni ta' broadband CEF, Orizzont 2020 u FEIS.


33 Il-Portal ta' Proġetti huwa rrilanċjat fl-1 ta' Ġunju u jinsab fuq <http://ec.europa.eu/eipp>. Il-Kummissjoni, billi toħloq punt ta' kuntatt, tipprova sservi kemm promoturi ta' proġetti tal-UE, kif ukoll investituri internazzjonali. Il-kwalità tal-proġetti, madankollu, se tiġi vvalutata biss permezz ta' investituri potenzjali. Il-pubblikazzjoni ta' proġett ta' investment fuq il-Portal ta' Proġetti mhijiex prekondizzjoni jew garanzija biex wieħed jirċievi kwalunkwe appoġġ ta' finanzjament mill-BEI / FEIS u l-proġetti li diġà qed jirċievu appoġġ mill-UE u / jew BEI / FEIS xorta jistgħu jirreklamaw il-proġett tagħhom fuq il-Portal jekk dan ikun jeħtieġ finanzjament addizzjonali.

Grafika 4. Proġetti ppreżentati lill-PEPI sa tmiem Mejju

Għadd ta' proġetti skont il-pajjiż



Settur ewlieni ta' proġetti fil-PEPI



Din l-inizjattiva tappoġġa l-orjentazzjoni politika appoġġata f'fora internazzjonali bħall-FMI, il-G20 u l-OECD, li kollha kemm huma enfazzaw il-ħtieġa li tinholq riżerva ta' proġetti li tista' tintuża mill-investituri potenzjali. Fil-futur, il-Portal ta' Proġetti se jipprovdi wkoll links għal riżervi nazzjonali u reġjonali ta' proġetti iżgħar.

Il-Kummissjoni se timmoniterja mill-qrib il-feedback mis-suq bil-għan li l-karatteristiċi tal-Portal jitjiebu progressivament u tiġi żgurata koerenza ma' inizjattivi li għadhom għaddejnin taħt il-patroċinju tal-G20.

4. Titjib fl-ambjent tal-investment billi jitneħħew l-ostakli għall-investment u tiġi pprovduta inċertezza regulatorja

Minbarra l-approċċ il-ġdid għall-finanzjament u l-għoti ta' assistenza teknika, ġew mibdija azzjonijiet konkreti biex ineħħu ostakli finanzjarji, amministrattivi u regulatorji għall-investment, u jkomplu jiġi approfondit is-Suq Uniku. It-titjib u d-diversifikazzjoni ta' sorsi ta' finanzjament huma meħtieġa, iżda mhumiex fattur suffiċjenti.

Jeħtieġ li l-Ewropa toħloq ambjent regolatorju li huwa prevedibbli, inaqqas il-piżijiet amministrattivi u jinkoraġġixxi l-investment. Dawn l-isforzi fil-livell tal-UE jimxu id f'id mal-impenn ta' Stati Membri li jkomplu riformi bil-għan li jitneħħew l-ostakli amministrattivi, finanzjarji u speċifiċi għas-setturi fil-livell nazzjonali, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u lil hinn minnu.

a. Progress fil-livell tal-UE: it-tlestija tas-Suq Uniku u s-simplifikazzjoni ta' regoli settorjali eżistenti

Bosta mill-inizjattivi ewlenin tal-Kummissjoni jappoġġaw dawn l-oġġettivi. Illum, il-Kummissjoni ħarġet Komunikazzjoni, li tirrapporta dwar il-ħidma tagħha fuq "**It-Twettiq l-Aġenda tas-Suq Uniku għall-Impjiegi, it-Tkabbir u l-Investment**"³⁴. L-azzjonijiet imsemmija f'din il-Komunikazzjoni huma essenzjali għall-provvista fit-tul u s-suċċess ta' oġġettivi tal-Pjan ta' Investment għall-Ewropa. Barra minn hekk, l-Istrateġija tal-Unjoni tal-Energija³⁵ timmira li jiġi pprovdut qafas regolatorju abbażi tas-suq u stabbli li se jappoġġa t-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju li twassal għal investment, speċjalment fil-ġenerazzjoni flessibbli u b'livell baxx ta' karbonju orjentata lejn l-interessi tal-konsumaturi tal-UE. Il-miżuri leġislattivi meħtieġa biex jimplimentaw qafas regolatorju stabbli biex jappoġġa din it-tranżizzjoni se jkunu proposti matul din is-sena. B'mod parallel, l-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar tal-Kummissjoni tipprova tissimplifika l-qafas ġuridiku u tnaqqas il-piż regolatorju

Bħala eżempji konkreti ta' ostakli għall-investment indirizzati fil-kuntest tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, l-allokazzjonijiet ta' kapital għal assiguratari li jinvestu f'proġetti ta' infrastruttura u Fondi Ewropej tal-Investment fuq terminu twil mhux elenkati ġew imnaqqsa u r-regoli l-ġodda huma diġà fis-seħħ³⁶. Jiġu kkunsidrati aktar emendi għal Solvibbiltà II għal investimenti tal-assiguratari f'korporattivi tal-infrastruttura. Il-Kummissjoni se tevalwa jekk huwiex adegwat li jitnaqqsu l-allokazzjonijiet ta' kapital bankarju għal esponimenti infrastrutturali b'mod simili, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-diskussjonijiet dwar it-trattament tal-kapital ta' esponimenti bankarji f'fora internazzjonali rilevanti. Sabiex jiġi ffaċilitat l-investment ta' kapital ta' riskju fl-Ewropa, flimkien mal-inizjattiva tal-fond pan-Ewropew ta' kapital ta' riskju, il-Kummissjoni se tipproponi wkoll xi bidliet fil-qafas regolatorju tal-kapital ta' riskju. Se jitnieda dalwaqt xogħol ta' preparazzjoni dwar l-iżvilupp ta' swieq Ewropej għal prodotti ta' pensjoni personali li jista' jsir riżerva importanti ta' kapital għall-finanzjament ta' investment ta' terminu twil. Sabiex jiġu promossi investimenti sostenibbli skont l-impenji b'saħħithom tal-UE li saru permezz tal-ftehim klimatiku ta' Pariġi, wieħed għandu jseġwi,

34 COM(2016) 361.

35 COM(2015) 80.

36 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/467 tat-30 ta' Settembru 2015 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/35 dwar il-kalkolu ta' rekwiżiti kapitali regolatorji għal diversi kategoriji ta' assi miżmuma mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (ĠU L 85, 1.4.2016, p. 6)

abbażi tax-xogħlijiet li għadhom għaddejnin fil-livell internazzjonali, ir-riflessjonijiet dwar kif jiġi żviluppat qafas politiku finanzjarju ġenerali li jappoġġa l-finanzjament aħdar.

Dawn l-inizjattivi jagħmlu l-investment aktar sostenibbli, u dan huwa wkoll konformi mal-ħtieġa li l-investment privat jinbidel b'appoġġ għat-tranżizzjoni għal ekonomija ta' emissjonijiet baxxi u reżiljenti għal bidliet fil-klima, kif rikjest skont il-ftehim ta' Pariġi.

Il-Kummissjoni qiegħda wkoll tieħu azzjoni f'numru ta' oqsma b'impatt dirett fuq id-deċiżjonijiet ta' investment fl-Ewropa:

L-ewwel nett, fil-qasam tal-**għajjnuna mill-Istat**, il-Kummissjoni ċċarat li l-finanzjament tal-FEIS mhuwiex għajjnuna mill-Istat fit-tifsira tat-Trattat, u l-Grupp tal-BEI ma għandux għalfejn jiġi approvat mill-Kummissjoni skont ir-regoli ta' għajjnuna mill-Istat tal-UE. Proġetti appoġġati mill-FEIS jistgħu, madankollu, jibbenefikaw ukoll minn kofinanzjament minn Stati Membri. Tali kofinanzjament, sakemm ma jingħatax fuq termini tas-suq jew sakemm ma jaqax fl-ambitu ta' eżenzjoni ta' kategorija, huwa għajjnuna mill-Istat, li għandha tiġi approvata mill-Kummissjoni. Sabiex jiġu appoġġati riżultati malajr tal-appoġġ tal-FEIS, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tivvaluta l-kofinanzjament tal-Istat Membru bħala kwistjoni prijoritarja, filwaqt li tlesti l-valutazzjoni tagħha fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi l-informazzjoni mitluba. Sabiex tkun offruta ċertezza tad-dritt lill-investituri fir-rigward tal-finanzjament tal-infrastruttura, il-Kummissjoni pprovdiet gwida prattika dwar x'jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat, fil-forma ta' Komunikazzjoni dwar in-nozzjoni tal-għajjnuna mill-Istat. L-avviż formali jistabbilixxi meta l-finanzjament pubbliku tal-infrastruttura jkun bi prinċipju eskluż mill-applikazzjoni tar-regoli ta' għajjnuna mill-Istat³⁷.

It-tieni nett, fil-qasam tal-**kontabilità pubblika**, Eurostat qiegħed jikkonsulta b'mod attiv mal-Istati Membri biex jiżgura li kemm il-PPPs, kemm dawk taħt l-FEIS, kif ukoll b'mod ġenerali, jiġu klassifikati skont il-prinċipji ta' kontijiet nazzjonali wara d-dejta użata għal sorveljanza fiskali³⁸, sabiex jiġu strutturati b'mod li jiżgura l-aħjar użu tar-riżorsi pubbliċi. F'kooperazzjoni mal-Istati Membri, il-Eurostat żviluppa metodoloġija statistika għall-klassifikazzjoni ta' tali proġetti³⁹. Barra minn hekk, jekk jintalab, Eurostat jipprovdi konsulenza *ex ante* lill-awtoritajiet statistiċi fl-Istati Membri sabiex jivvaluta jekk proġetti PPP jiġux klassifikati fil-kontijiet tal-gvern jew barra minnhom (hemm eżempji tat-tnejn),

37 Avviż formali tal-Kummissjoni dwar in-nozzjoni ta' għajjnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) TFUE jinsab fuq http://ec.europa.eu/competition/state_aid/modernisation/notice_of_aid_en.pdf

38 L-indikaturi fiskali (tad-defiċit u tad-dejn) li għandhom jintużaw fil-kuntest tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huma ankrati fit-Trattat u pprovdut mill-Eurostat. Il-kunċetti u d-definizzjonijiet li għandhom jintużaw huma bbażati fuq is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA 2010), li hija konformi mal-istandards tal-kontabilità internazzjonali u ġiet adottata mir-Regolament (UE) 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropew tal-konijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea, ĠU L 174, 26.6.2013, p.1. Huwa fl-interess ta' dawk li jfasslu l-politika u tal-pubbliku iġenerali li dawk l-indikaturi jiġu kkalkolati skont l-ogħla standards ta' kwalità, u li jkunu komparabbli bejn l-Istati Membri.

39 Manwal dwar id-Defiċit u d-Dejn tal-Gvern – Implimentazzjoni tal-ESA 2010 – edizzjoni tal-2016, jinsab fuq <http://ec.europa.eu/eurostat/web/products-manuals-and-guidelines/-/KS-GQ-16-001>

jekk ikun utli f'kooperazzjoni mal-BEI. Tali konsulenza hija disponibbli b'mod pubbliku sabiex tipprovdi gwida⁴⁰.

Għall-ġejjieni, se jsiru aktar sforzi biex ikun hemm impenn proattiv ma' partijiet kkonċernati ewlenin u promoturi ta' proġetti pubbliċi, filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-indipendenza ta' Eurostat. B'mod partikolari, il-kapaċità ta' konsultazzjoni se tissaħħaħ fir-rigward ta' investimenti li huma kofinanzjati b'fondi tal-UE inkluż l-FEIS. Barra minn hekk, il-Eurostat qed jikkoopera wkoll maċ-Ċentru ta' Kompetenzi tal-PPP Ewropew tal-BEI (European PPP Expertise Centre, EPEC) sabiex jiċċara ċerti aspetti ta' kontabilità nazzjonali fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' PPPs, jispjega r-regoli tal-kontabilità u biex jaqsam l-esperjenzi ta' PPPs ma' Stati Membri. Fis-sajf se tiġi ppubblikata konsulenza indirizzata speċifikament lil dawg il-partijiet kkonċernati li jħejju kuntratti PPP. F'kooperazzjoni ma' servizzi oħrajn tal-Kummissjoni, Eurostat se jimmoniterja mill-qrib l-impatt tar-regoli ta' kontabilità pubbliċi dwar il-ħolqien ta' PPPs f'setturi differenti. Meta jkun adegwat, hija se tagħmel rieżami tal-gwida tagħha fil-konsultazzjoni mal-Istati Membri, pereżempju biex tikkunsidra l-ispeċifitàjiet ta' ċerti arranġamenti kuntrattwali, bħall-Kuntrattar tal-Prestazzjoni Enerġetika bi frankar garantit.

It-tielet nett, fir-rigward **tal-prokura pubblika**, li tirrappreżenta suq imdaqas fl-UE u toffri sors ta' iffrankar potenzjalment sinifikanti għall-but pubbliku, fl-2014 ġie adottat qafas tal-UE ġdid⁴¹, bi skadenza għal traspożizzjoni sat-18 ta' April 2016. Il-qafas emendat, li jinkludi aktar lok għal negozjati, regoli aktar ċari fir-rigward tal-modifiki kuntrattwali matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt u regoli għal proġetti transfruntieri, se jiffaċilita l-promozzjoni tal-proġetti, b'mod partikolari għal proġetti bl-użu ta' finanzjament tal-UE. Ir-regoli l-ġodda se jnaqqsu kemm iż-żmien meħtieġ biex jinkiseb il-finanzjament tal-UE kif ukoll ir-riskju ta' pagamenti rifjutati. Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi wkoll teħid aktar wiesa' ta' akkwist pubbliku ekoloġiku biex jallinja l-infiq pubbliku ma' objettivi ta' żvilupp sostenibbli⁴². Għall-ġejjieni, il-Kummissjoni biħsiebha timplimenta, sa Ottubru 2017, mekkaniżmu ta' konsultazzjoni *ex ante* li jgħin lill-awtoritajiet kuntrattwali jagħmlu l-aħjar użu mill-qafas tal-akkwist.

Ir-raba' nett, u b'mod aktar ġenerali, it-**tfassil u l-approvazzjoni ta' proġetti ta' investment** spiss jirrikjedi l-involviment ta' diversi servizzi tal-Kummissjoni, li jħarsu lejn il-proġett minn diversi angoli – pereż. finanzjament tal-UE, regoli ta' kontabilità pubblika, kontroll ta' għajnuna mill-Istat, permessi ambjentali u akkwist pubbliku. Għall-ġejjieni, il-Kummissjoni se tindirizza l-kumplessità perċepita tar-regoli u l-proċeduri tal-UE billi timmira lejn

40 Din il-konsulenza tista' tinsab hawnhekk: <http://ec.europa.eu/eurostat/web/government-finance-statistics/methodology/advice-to-member-states>

41 Id-Direttiva 2014/24/UE dwar l-akkwist pubbliku; Id-Direttiva 2014/25/UE dwar l-akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali; u d-Direttiva 2014/23/UE dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni.

42 Aktar informazzjoni dwar akkwist pubbliku ekoloġiku tinsab fuq http://ec.europa.eu/environment/gpp/index_en.htm

konverġenza aktar b'saħħitha tal-iskedi taż-żmien ta' proċeduri differenti. Għal dan il-għan, hija se toħloq "one-stop-shop" effettiv għal proġetti infrastrutturali kbar meta l-verifiki jkunu paralleli lejn data ta' approvazzjoni komuni, filwaqt li jinġiebu flimkien servizzi tal-Kummissjoni responsabbli f'tim ta' politika ta' investiment uniku. Tali approċċ, li huwa diġà segwit sa ċertu punt fil-qasam tal-enerġija għal proġetti ta' interess komuni, għandu jiġi estiż għal Pjattaformi ta' Investiment ewlenin li jinvolvu kofinanzjament nazzjonali, kif ukoll għal proġetti infrastrutturali kbar ta' valur miżjud għall-UE f'setturi ekonomiċi oħrajn bħat-trasport, inklużi proġetti appoġġati mill-FEIS. L-oġġettiv tat-tnaqqis tal-piż amministrattiv eċċessiv u l-ħin biex jinkisbu l-approvazzjonijiet u l-evalwazzjonijiet meħtieġa se jiġi segwit ukoll permezz ta' kontroll tal-idoneità kontinwi tar-regolamentazzjoni tal-UE u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni ġodda ma' Stati Membri. Bl-istess mod, il-Kummissjoni se tesplora l-possibiltà li tfassal qafas ta' awtorizzazzjoni tal-UE uniku li jista' japplika direttament għal proġetti kbar b'dimensjoni transfruntiera jew Pjattaformi ta' Investiment ewlenin li jinvolvu kofinanzjament nazzjonali, li jissostitwixxi firxa wiesgħa ta' proċeduri ta' awtorizzazzjoni fil-livell tal-UE u nazzjonali.

b. Progress fil-livell nazzjonali: l-indirizzar ta' ostakli għall-investiment fis-Semestru Ewropew

L-Istati Membri jistgħu ukoll jagħmlu aktar biex itejbu l-kundizzjonijiet qafas għall-investiment fil-livell nazzjonali. Il-Komunikazzjoni tat-18 ta' Mejju 2016⁴³ tipprovdi ħarsa ġenerali tal-oġġettivi ewlenin tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2016. Meta jkun disponibbli, l-Istat Membri għandhom jużaw l-ispazju fiskali tagħhom biex iżidu l-investiment pubbliku f'oqsma li jwasslu għat-tkabbir, bħall-infrastruttura, is-saħħa, l-edukazzjoni u r-riċerka. Fl-istess ħin, jeħtieġ li jkun hemm aktar azzjonijiet biex irawwmu l-investiment privat u l-Istati Membri huma inkoraġġuti jaċċelleraw l-azzjoni ta' riformi strutturali u jindirizzaw l-ostakli għall-investiment, bħal ostakli regolatorji u amministrattivi kif ukoll il-proċeduri ta' approvazzjoni kkomplikati u li jieħdu żmien twil. F'xi Stati Membri, l-ineffċjenzi li fadal ġew identifikati fl-oqsma tal-akkwist pubbliku, is-sistemi ta' tassazzjoni, is-sistemi ġuridiċi u l-oqfsa tal-insolvenza. Il-progress ifisser ukoll li jiġi identifikat repertorju stabbli ta' proġetti u li jiġu żgurati l-koordinazzjoni u l-ippjanar mil-livelli kollha ta' amministrazzjoni nazzjonali. Fl-istess spirtu, il-Kummissjoni, f'ħidma mal-Istati Membri, se tidentifika u tkompli l-ħidma biex jiġu solvuti ostakli nazzjonali mhux ġustifikati għall-moviment ħieles ta' kapital li qed jipprevjenu l-funzjonament tajjeb ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali. Se jiġi ppubblikat rapport sa tmiem l-2016⁴⁴.

Fl-1 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet is-**Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali** (Structural Reform Support Service - SRSS) sabiex joffri appoġġ tekniku lil Stati Membri, li jinkludi assistenza fil-bini tal-kapaċità għal riformi amministrattivi u strutturali li

43 COM(2016) 321 finali

44 COM(2015) 468 finali

jtejbu t-tkabbir. L-SRSS qed jinvolvi ruħu ma' għadd ta' Stati Membri dwar proġetti ta' assistenza teknika konkreti biex jiġu identifikati u mneħħija l-ostakli għall-investment⁴⁵.

Rabta aktar b'saħħha bejn il-fondi tal-UE u l-implimentazzjoni ta' riformi. Sabiex il-Fondi SIE ikompli jiġu ffokati fuq l-appoġġ ta' riformi ekonomiċi u soċjali ewlenin fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-Kummissjoni biħsiebha ttejjeb ir-rabta mal-prijoritajiet ewlenin fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. L-approvazzjoni ta' Fondi SIE ġiet soġġetta għal implimentazzjoni ta' għadd ta' riformi (kundizzjonalitajiet *ex ante*) sabiex jiġu ffaċilitati l-użu u l-effikaċja tal-Fondi SIE. Il-qafas ġuridiku li jkopri l-Fondi SIE jirrikjedi li l-programmi kofinanzjati mill-Fondi ESI jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti kollha speċifiċi għall-pajjiż. Il-Kummissjoni se tissorvelja u tirrapporta dwar il-progress lejn l-oġġettivi miftehma sal-2017.

5. Ħarsa 'l quddiem: Pjan ta' Investment imsaħħa u FEIS 2.0

Wara li kien operazzjonali bis-sħiħ għal anqas minn sena, l-FEIS qed jagħti riżultati tanġibbli. Il-promoturi tal-proġett użaw l-EIAH biex isaħħu l-kwalità tal-proġetti tagħhom u l-investituri issa jistgħu jivvalutaw opportunitajiet ta' investment numerużi dwar l-EIPP. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppreżentat għadd ta' inizjattivi biex tgħin ittejjeb l-ambjent tal-investment u involviet ruħha mal-Istati Membri biex tneħħi l-ostakli regolatorji u amministrattivi għall-investment.

L-użu innovattiv tal-fondi tal-UE qed jipprovdi gwadann minħabba l-flessibilità tal-FEIS, l-assenza tal-burokrazija u l-għażla indipendenti ta' proġetti abbażi tal-vijabbiltà teknika u finanzjarja tagħhom.

Skont ir-Regolament (UE) 2015/1017, il-Kummissjoni tagħmel rieżami tal-użu tal-garanzija tal-UE sa Jannar 2017 u tippreżenta rieżami indipendenti dwar il-funzjonament tal-FEIS, l-EIAH u l-EIPP mhux aktar tard minn Lulju 2018. Madankollu, kif stabbilit f'din il-Komunikazzjoni, diġà jistgħu jiffasslu l-ewwel lezzjonijiet importanti.

F'dan l-isfond, il-Kunsill Ewropew huwa mistieden jappoġġa l-prijoritajiet li ġejjin:

- **Minħabba r-riżultati konkreti miksuba, FEIS imsaħħa se jkompli lil hinn mill-perjodu ta' tliet snin** biex jiġu indirizzati l-lakuni u n-nuqqasijiet li fadal fis-suq u jkompli jiġi mmobilizzat il-finanzjament tas-settur privat f'investimenti kruċjali għall-ħolqien futur ta' impjiegi fl-Ewropa, it-tkabbir u l-kompettività b'addizzjonalità msaħħa. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tippreżenta l-proposti leġiżlattivi adegwati fil-Ħarifa biex testendi d-durata tal-FEIS, filwaqt li żżomm f'moħħha l-iskarsezza ta' riżorsi baġitarji.
- Minħabba s-suċċess tagħha, **it-tieqa għall-SMEs tal-FEIS se tiżdied** malajr, fil-qafas attwali, għall-benefiċċju tal-SMEs u tal-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja fl-Istati

45 Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali għall-perjodu mill-2017 sal-2020 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 1305/2013, COM(2015) 701 finali.

Membri kollha. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Bord ta' Tmexxija tal-FEIS biex tuża l-possibilitajiet eżistenti kollha permezz tar-Regolament tal-FEIS biex tiġi rinforzata t-tieqa għall-SMEs⁴⁶.

- Il-Kummissjoni se tesplora l-possibilità li tuża mudell tat-tip FEIS għal investimenti f'**pajjiżi terzi li qed jiżviluppaw**.
- Il- **kombinazzjoni ta' appoġġ tal-FEIS u fondi SIE** se jkompli jiġi simplifikat u ostakli leġiżlattivi u oħrajn għal tali kombinazzjoni se jitneħħew. Bidliet għar-regolamenti applikabbli, b'mod partikolari, se jiġu investigati fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP li jmiss⁴⁷. Il-Kummissjoni u l-BEI se jaħdmu fuq lista ta' proġetti ewlenin li jistgħu jipprovdu eżempji konkreti ta' tali kombinazzjonijiet sa tmiem l-2016.
- **Iċ-Ċentru ta' Konsulenza se jitjeb biex jipprovdi lħiq aktar immirat u jappoġġa l-iżvilupp ta' azzjoni konsultattiva fil-livell lokali**, kif ukoll kooperazzjoni ma' Banek Promozzjonali Nazzjonali. Il-Kummissjoni se tikkunsidra s-sinerġiji bejn pakketti tal-UE eżistenti għal assistenza teknika sabiex titjeb il-flessibilità tal-provvediment tal-assistenza teknika u tkun permessa reazzjoni rapida għall-ħtiġijiet tas-suq.
- It-twaqqif ta' **Pjattaformi ta' Investiment** se jkompli jiġi inkoraġġut, b'impenn qawwi mill-Kummissjoni, mill-Grupp tal-BEI, mill-Banek Promozzjonali Nazzjonali u minn atturi rilevanti oħrajn.
- L-FEIS se jkompli jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-suq għal **proġetti sostenibbli / ekoloġiċi**, billi jinkoraġġixxi b'mod partikolari l-iżvilupp tas-suq ta' bonds ħodor fl-Ewropa u titjeb fil-koordinazzjoni tal-isforzi eżistenti.
- Il-Kummissjoni se tkompli tagħti riżultati rigward il-**prijoritajiet tas-Suq Uniku**. Flimkien mal-Eurostat, il-Kummissjoni se tipprovdi aktar ċarezza u rieżami, meta jkun adegwat, gwida rilevanti fir-rigward ta' aspetti tal-kontabilità ta' sħubiji pubbliċi-privati.
- L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu wkoll prijoritajiet ċari, iħejju proġetti ta' investiment konkreti bil-għajjnuna taċ-Ċentru ta' Konsulenza, b'mod partikolari fir-

46 Dan jinkludi t-trasferiment sa EUR 500 miljun tal-garanzija tal-UE mit-tieqa għall-Infrastruttura u l-Innovazzjoni għat-tieqa għall-SMEs. u l-użu tal-garanzija tal-FEIS biex tissupplimenta l-istrumenti ta' garanzija għal self ta' InnovFin u COSME, kif ukoll il-Programm tal-UE għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI). Dan se jwassal għal żieda fid-daqs ġenerali tal-allokazzjonijiet baġitarji għal dawn l-istrumenti u jippermetti lill-FEI jiffinanzja volum akbar ta' operazzjonijiet.

47 Dan jista' jinkludi l-ħolqien ta' inizjattivi għal Stati Membri biex jissupplimentaw l-istrumenti finanzjarji fil-livell tal-UE b'allokazzjonijiet ta' Fondi SIE, filwaqt li jitbiegħdu mill-użu ta' għotjiet meta strumenti finanzjarji jipprovdu aktar valur miżjud, u jippermettu t-taħlit ta' għotjiet u strumenti finanzjarji li jiġu kkombinati ma' sostenn tal-FEIS meta jkun meħtieġ, li jorbot il-livell ta' appoġġ finanzjarju fi proġett speċifiku mal-allinjament tagħhom mal-oġġettivi politiċi tal-UE u mat-tisħiħ tal-kundizzjonalità *ex ante*.

rigward ta' proġetti transfrontieri, u jistrutturaw il-proġetti tagħhom b'mod ottimali sabiex jiġi żgurat użu akbar tal-istrumenti finanzjarji. Fil-kuntest tal-**proċess tas-Semestru Ewropew**, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex jiġu indirizzati ostakli nazzjonali għall-investment.

Rendikont regolari mill-Kunsill Ewropew, mill-Parlament Ewropew, il-formazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, u l-kooperazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u mal-Kumitat tar-Regġuni se jiżgura s-sjeda politika meħtieġa biex jiġi żgurat li dawn l-inizjattivi jkomplu jipproduċu riżultati. Il-Kummissjoni u l-BEI se jkomplu jindirizzaw il-partijiet kkonċernati ewlenin fil-livell nazzjonali u reġjonali sabiex jorganizzaw attivitajiet ta' segwitu sabiex jiġu diskussi u żviluppati soluzzjonijiet speċifiċi, li jwieġbu għall-ħtiġijiet lokali u reġjonali.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill Ewropew biex jiġu appoġġati l-isforzi kollha fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Investment għall-Ewropa, kif stabbilit f'din il-Komunikazzjoni. Bħala leġislatur tal-UE, hija titlob lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill isegwu malajr l-aspetti leġislattivi tal-Pjan.